MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1190/2003

**Katia Coleiro u Alfred Coleiro li gie ammess in statu et terminis fid-19 ta' Settembru, 2003**

**Vs**

**Karl Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet is-somma ta' Lm176.32c (mija u sitta u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti hsarat in segwitu ta' incident stradali li sehh bejn il-vetturi FAA 821 misjuqa minn Karl Micallef u JAB 205 proprjeta' ta' l-attrici, liema ncident sehh bi traskuragni, mperizja u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Karl Micallef.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut eccepixxa s-segwenti:
1. Illi preliminarjament, l-attrici m'hijiex il-legittima kontradittur f'din il-kawza stante illi jirrizulta li l-vettura JAB

205, mhix proprjeta' taghha, u ghalhekk l-istess attrici m'ghandha l-ebda dritt ghas-somma pretiza minnha.

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' l-attrici.

Ra r-Rikors ta' Alfred Coleiro fejn talab li jigi ammess in statu et terminis peress li l-vettura JAB 205 ghadha tidher f'ismu ghalkemm l-attrici xtrat l-istess vettura minghandu, liema Rikors gie milqugh.

Illi meta gara l-incident il-vettura JAB 205 kienet proprjeta' ta' Alfred Coleiro missier l-attrici. Illi l-attrici xtrat il-vettura f'Ottubru, 2003. Illi Alfred Coleiro gie ammess in statu et terminis b'digriet tat-19 ta' Settembru, 2003 u ghalhekk m'hemmx lok li dan it-Tribunal jikkunsidra ulterjorment l-ewwel eccezzjoni.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi skond ix-xhieda ta' l-attrici fil-mument ta' l-incident hija kienet qed iddur fin-naha ta' gewwa tar-roundabout, xeghlet l-indicator u qabel ma bdiet tikser ma kienet rat xejn fil-mera. Hija qalet ukoll li l-ewwel darba li rat il-vettura tal-konvenut kien x'hin gie quddiemha ezatt u li ma kienetx rat jekk kienx hemm karozzi warajha.

Illi l-attrici riedet taqsam fil-karreggjata tan-naha tax-xellug taghha biex b'hekk thalli r-roundabout fl-ewwel hrug li kien imiss fuq in-naha tax-xellug.

Illi skond paragrafu 223 tal-Kodici ghat-Traffiku tat-Triq:

"Meta jkun hemm aktar minn zewg moghdijiet fid-dahla ghar-roundabout, kemm-il darba ma jkunx hemm linji jew marki tal-karreggjata li jindikaw mod iehor, uza l-aktar moghdija konvenjenti meta tavvicina u tghaddi r-

roundabout, li tkun adattata ghall-mod ta' kif int tkun trid tohrog."

Illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna mhux bizzejjed li wiehed jixghel indicator izda jrid ikun cert li l-vetturi ta' madwaru jkunu ntebhu bis-sinjal tieghu. Importanti hafna fic-cirkolazzjoni korretta tat-traffiku hija li d-driver ghandu jzomm *a proper lookout*.

Illi mill-evidenza jidher li l-attrici naqset milli taghmel dan.

Illi skond ix-xhieda tal-konvenut, l-ewwel darba li kien ra l-karozza ta' l-attrici kien fil-mument li dahlet fih. Huwa qal ukoll li kien xeghel l-indicator biex jindika li kien ser idur mar-roundabout u li hares fil-mera qabel ma dar u waqt li kien qed idur ma' l-istess roundabout.

Illi skond paragrafu 224 tal-Kodici ghat-Traffiku tat-Triq:

"Meta tkun qieghed iddur ma' roundabout, oqghod attent u ahseb f'vetturi ohra li jaqsmu minn quddiemek, specjalment dawk li jkunu bi hsiebhom ihallu r-roundabout fl-ewwel hrug li jkun imiss."

Illi mill-evidenza jidher li fil-mument ta' l-incident il-konvenut kien qieghed fuq in-naha tax-xellug ta' l-attrici u mhux wara l-karozza ta' l-attrici. Dan gie konkluz mill-fatt li l-partijiet qablu li l-karozza misjuqa mill-attrici garbet hsara fuq quddiem u dik tal-konvenut fil-genb tan-naha tal-lemin.

Illi fil-kawza **Galea Debono Vs Gelanze (PA 12/4/1994)** gie ddikjarat:

"Jekk l-assigurata ta' l-attur nomine kienet qieghda ddur mar-roundabout allura din in relazzjoni mal-coach misjuq mill-konvenut kienet traffiku li gej minn fuq il-lemin u allura l-konvenut kellu l-obbligu li jieqaf u jaghtiha d-dritta. Il-Highway Code jipprovdi:

In general there are no rights of way at roundabouts and the first come first served rule applies. However in the

case of two vehicles negotiating the same section of the roundabout simultaneously, priority should be accorded to the vehicle on the right. (In other words, other things being equal, traffic entering the roundabout should give way to the traffic already on the roundabout, and traffic on the roundabout should give way to traffic leaving the roundabout." (Ara wkoll **England Vs Dimech 12/4/1996PA**).

Ghaldaqstant billi z-zewg partijiet kellhom tort ghall-incident b'mod ugwali u billi d-danni mhux ikkontestati jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lil Alfred Coleiro l-ammont ta' Lm88.16c (tmienja u tmenin lira Maltin u sittax-il centezmu).

Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------